MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 44/2013

Carmelo Galea

Vs

Amabile Zammit

It-Tribunal,

Ra l-avviz prezentat mill-attur fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013), li permezz tieghu l-attur talab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn, mija u disgha u tletin Ewro (€2,139) dovuti lir-rikorrenti bhala hlas ta' xoghol ta' privates li huwa ghamel fuq inkarigu tal-konvenut, u liema ammont jirrizulta mill-inovices annessi mal-avviz tat-talba. Dan bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datat is-26 ta' April, 2013, tal-ittra ufficjali numru 114/2013, bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Ra d-digriet tieghu tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013), li permezz tieghu din il-kawza giet appuntata ghas-smiegh nhar l-ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), u fejn il-konvenut gie ordnat jipprezenta risposta fiz-zmien li trid il-ligi.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata minnu fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma preskritti bid-dekors ta' sena u dana a tenur tal-artikolu 2147 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u li minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u di fatti jirrizulta illi huwa l-attur stess illi huwa debitur fil-konfront tal-esponenti fl-ammont ta' elfejn u tlieta u hamsin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€2,053.87). Dan salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ra n-nota tal-konvenut tas-26 ta' Novembru, 2013, li permezz taghha, in linea mal-verbal ta' dan it-Tribunal huwa ddikkjara illi l-preskrizzjoni msemmija fl-eccezzjonijiet tieghu hija dik indikata fl-artikolu 2147 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Sema' x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet u ra t-traskrizzjonijiet tal-istess xhieda.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra d-digriet tieghu tat-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum ghad-decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni konvenuta, cioe dik tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza l-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni brevi ta' sena ai termini tal-artikolu 2147 (d) tal-Kap 16 tal-Ligijeit ta' Malta (ara nota  a folio 19 tal-process)

Dan l-artikolu jippreskrivi bid-dekors ta' sena 'l-*azzjonijiet tal-vetturali bl-art jew bil-bahar, imsemmijin fl-artikoli 1628 sa 1631, ghal hlas tal-kirjet jew pagi taghhom'.*

Harsa lejn l-artikoli msemmija f'dan is-subartikolu, turi illi r-referenza illi qed jaghmel dan is-subartikolu hija lejn garr ta' oggetti bl-art jew bil-bahar.

Jidher car illi l-inkariku moghti lill-attur u li tieghu qed ifittex il-hlas ma jaqax taht dan l-artikolu. L-attur ma kienx imqabbad igorr oggetti minn post ghal l-iehor. L-inkariku tal-attur kien jikri x-xarababank tieghu ghal skopijiet ta' private tours – kirja ta' vettura gwidata minn xufier. Dan huwa

differenti mill-iskop tal-artikolu citat, u certament dan l-artikolu ma japplikax ghal dan it-tip ta' servizz. In natura deskritta fil-gurisprudenza bhala 'odjuza' tal-preskrizzjoni timporta interpretazzjoni ristrettiva immens; u kienet dejjem b'dan il-mod li giet meqjusa fil-Qrtati u tribunal nostrani. Tali interpretazzjoni ristrettiva ma thallix lok li wiehed igebbed l-import ta' dan l-artikolu.

Barra minn dan, dan it-tribunal mhux obbligat illi jara taht liema artikolu ta' preskrizzjoni jaqa' d-debitu in kwistjoni, anzi huwa prekluz milli jaghmel dan.

Illi in oltre dan it-tribunal ihoss illi ghandu josserva illi anke jekk *gratia argomendi* biss kellu jinghad illi ddekorriet xi preskrizzjoni, din il-preskrizzjoni giet rinunzjata mill-konvenut innifsu meta dan ghadda cekkijiet ghal hlas tal-allegat dejn, liema cekkijiet ma gewx onorati mill-bank li fuqu gew mahruga (ara cekkijiet Y1  u Y 2 a folio sebgha u ghoxrin [27] tal-process).

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni ma tistax tirnexxi.

Ghaldaqstant dan it-tribunal jiddisponi minn l-ewwel eccezzjoni tal-konveut cioe dik tal-preskrizzjoni billi jichadha u jordna il-prosegwiment tal-kawza fil-mertu. L-ispejjes ta' din is-sentenza preliminari jitbaghtew mill-konvenut.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------